MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Talba Numru. 780/2007

**Talba Nru: 780/07VGD**

Charles Zammit (ID. 58887M) u Charles Bonello (ID.133375M),
it-tnejn ezercenti l-kummerc taht l-isem B-Driven.

Vs

Roderick Baldacchino (Id. 510978M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u sitta u hamsin lira u disgha u hamsin centezmu (Lm356.59) rapprezentanti kwantu ghal mitejn u hamsa u erbghin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm245.44) kiri

ta’ vettura Hyundai Getz DBK 303 ghal tnejn u tletin gurnata; kwantu ghal tlieta u ghoxrin lira u sittin centezmu (Lm23.60) hsara fuq tyre ta’ l-istess vettura waqt li kienet fil-pussess tal-konvenut; kwantu ghal sebgha u sittin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm67.55) spejjes ta’ dhul fil-Belt Valletta fiz-zoni CVA; u kwantu ghal ghoxrin lira (Lm20) penalitajiet u multi mahruga fuq l-istess vettura meta din kienet fil-pussess tal-konvenut. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tmien mija u tletin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€830.63), ekwivalenti ghal Lm356.59 kif mitluba fl-Avviz, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------